# AVVIŻ TAL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

Dan l-avviż qiegħed jingħata skont l-artikolu 63 tal-istatut ta' assoċjazzjoni ("**l-Istatut**") ta' APS Bank plc ("**il-Kumpanija**") għal-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija ("**il-Laqgħa**") li qiegħda tissejjaħ għal nhar l-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2026 fis-6.00pm ġewwa l-Portomaso Suite, Hilton Malta, San Ġiljan.

Skont l-artikolu 65 tal-Istatut, dan l-Avviż ("**l-Avviż**") għandu jiġi ċċirkulat lis-segwenti (a) azzjonisti li jidhru fuq ir-reġistru tal-Azzjonisti tal-Kumpanija miżmum mas-*Central Securities Depository* tal-Borża ta' Malta ta' nhar is-6 ta' April 2026 (ir-"***Record Date***") ("l-**Azzjonisti**"); (b) Diretturi tal-Kumpanija; u (ċ) Awdituri tal-Kumpanija.

Is-segwenti dokumenti ġew inklużi ma' dan l-Avviż: (1) aġenda tal-Laqgħa; (2) ċirkulari lill-Azzjonisti datata nhar il-15 ta' April 2026 (iċ-"**Ċirkulari**"), (3) Formola ta' Prokura, (4) il-Formola tal-Għażla tal-i*Scrip* Dividend u (5) n-Noti. Kopja tad-dokumenti hawn fuq imsemmija, ir-Rapport Annwali tal-Kumpanija tas-sena 2025 (li jinkludi r-riżultati finanzjarji awditjati għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2025, flimkien mar-rapporti tad-diretturi u tal-awdituri), u kull dokument rilevanti għal-Laqgħa, ser ikunu disponibbli fuq is-sit web tal-Kumpanija: https://www.apsbank.com.mt/investor-relations/.

Tista' titlob li tirċievi kopja stampata tar-Rapport Annwali billi tiktbilna fuq l-indirizz elettroniku investor.relations@apsbank.com.mt.

## AĠENDA TAL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

L-aġenda tal-Laqgħa ser tkun kif hawn taħt indikat. Waqt il-Laqgħa, il-Bord tad-Diretturi tal-Kumpanija (il-"**Bord**") ser ikun qiegħed jipproponi numru ta' riżoluzzjonijiet għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Azzjonisti. L-iskop wara kull proposta u, fejn applikabbli, it-test propost tar-riżoluzzjoni, qiegħed jiġi hawn taħt indikat ħdejn kull entrata tal-aġenda.

**Punt 1 tal-Aġenda** | **Ħatra taċ-*Chairman* u Ftuħ tal-Laqgħa**

**Punt 2 tal-Aġenda:** | **Quorum**

***XOGĦOL ORDINARJU – RIŻOLUZZJONIJIET ORDINARJI***

**Punt 3 tal-Aġenda:** | **Approvazzjoni tar-riżultati finanzjarji awditjati għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2025**

Proposta: Il-Bord jipproponi li r-riżultati finanzjarji awditjati għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2025, flimkien mar-rapporti tad-diretturi u tal-awdituri, jiġu approvati.

**Punt 4 tal-Aġenda:** | **Dikjarazzjoni ta' dividend**

Proposta: Il-Bord jirrakkomanda li l-Laqgħa tiddikjara dividend finali gross ta' €0.023 għal kull sehem ordinarju, li jammonta għal €11,400,000 (dividend finali nett ta' €0.015 għal kull sehem ordinarju, jew €7,400,000), għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2025, liema dividend għandu jitħallas (i) fi flus, jew (ii) fil-forma ta' *scrip* permezz ta' ħruġ ta' ishma ġodda, kull każ skont kif jagħżel kull Azzjonist individwali.

*Nota:* *Jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3A taċ-Ċirkulari għal aktar informazzjoni.*

**Punt 5 tal-Aġenda:** | **Ħatra u ħlas tal-awdituri**

Proposta: Il-Bord, kif rakkomandat mill-*Audit Committee* tal-Kumpanija, jipproponi li d-ditta Deloitte Audit Limited tiġi maħtura mill-ġdid bħala l-awdituri tal-Kumpanija sal-aħħar tal-laqgħa ġenerali annwali tal-2027. Il-Bord jipproponi wkoll li jiġi awtorizzat jiffissa l-ħlas tal-awdituri tal-Kumpanija.

Fil-Laqgħa, il-Azzjonisti ser jirċievu aġġornament dwar il-proċess tal-offerti pubbliċi li sar skont it-termini tal-liġi u li rriżulta fir-rakkomandazzjoni li tiġi kkonfermata l-ħatra mill-ġdid ta' Deloitte Audit Limited.

*Nota:* *Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima 3B taċ-Ċirkulari u għar-Rapport tad-Diretturi pprovdut fir-Rapport Annwali 2025.*

**Punt 6 tal-Aġenda:** **Ħatra tad-diretturi**

Skont l-artikolu 109 tal-Istatut, it-terminu tal-kariga ta' kull wieħed mid-diretturi mhux eżekuttivi ser jispiċċa mat-tmiem tal-Laqgħa. Id-diretturi kollha li attwalment jinsabu fil-kariga, ladarba huma eliġibbli għall-ħatra, urew ir-rieda tagħhom li jerġgħu jinħatru bħala diretturi tal-Kumpanija.

Il-Bord jixtieq jinforma lill-Azzjonisti li s-Sur Martin Scicluna, Dott. Joseph C Attard, il-Professur Juanito Camilleri, Dott.ssa. Laragh Cassar u s-Sur Michael Pace Ross inħatru mill-ġdid minn *Qualifying Shareholder*, kif definit fl-Artikoli u għandhom iżommu l-kariga sal-aħħar tal-laqgħa ġenerali annwali li ser issir fl-2027 skont l-artikoli 103 u 104 tal-Istatut. Dawn il-ħatriet mill-ġdid ġew notifikati lis-Segretarja tal-Kumpanija permezz ta' ittra.

Barra minn hekk, wara sejħa għal nominazzjonijiet maħruġa mill-Kumpanija skont l-Artikoli, ir-*Remuneration, Nominations and Governance Committee* approvat n-nomina tad-diretturi attwali s-Sur Martin Czurda, is-Sur Noel Mizzi, is-Sinjura Leslie Stephenson u s-Sinjura Marisa Xuereb skont l-artikolu 112 tal-Istatut. Peress li hemm biżżejjed postijiet vakanti fuq il-bord biex jakkomodaw in-nominati kollha approvati, fil-Laqgħa, is-Sur Czurda, is-Sur Mizzi, is-Sinjura Stephenson u s-Sinjura Xuereb ser jiġu eletti mill-ġdid awtomatikament bħala diretturi sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali li ser ssir fl-2027.

Minħabba f'hekk, mhux ser ssir l-ebda elezzjoni waqt il-Laqgħa.

Is-Sur Marcel Cassar ser ikompli l-kariga tiegħu bħala Direttur Eżekuttiv skont l-Istatut.

**Punt 7 tal-Aġenda:** **Ħlas tad-diretturi**

Proposta: Il-Bord jipproponi li l-ħlas massimu aggregat li jista' jingħata lid-diretturi tal-Kumpanija għall-mandat tagħhom fi kwalunkwe sena finanzjarja għandu jkun iffissat għal €700,000, konsistenti mal-ammont stabbilit fis-sena preċedenti.

***XOGĦOL SPEĊJALI – RIŻOLUZZJONI ORDINARJA***

**Punt 8 tal-Aġenda:** ***Remuneration report***

Proposta: Li r-*Remuneration Report*, skont il-Kapitolu 12 tal-*Capital Markets Rules* maħruġa mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, kif stipulat fir-rapport annwali tal-Kumpanija għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2025 jiġi rċevut u approvat.

*Nota:* *Ir-Remuneration Report qiegħed jitpoġġa għal-Laqgħa bħala vot konsultattiv (mhux vinkolanti). Jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3Ċ taċ-Ċirkulari għal aktar informazzjoni.*

***XOGĦOL SPEĊJALI - RIŻOLUZZJONIJIET STRAORDINARJI***

**Punt 9 tal-Aġenda:** **Awtorità lid-diretturi sabiex joħorġu ishma u titoli tal-ekwità u jikkapitalizzaw il-profitt**

Għan: Sabiex il-Kumpanija tkun tista' tissodisfa l-elezzjonijiet tal-i*scrip* dividend, jappoġġja r-rekwiżiti kapitali u finanzjarji tiegħu u fil-proċess tat-tfittxija ta' opportunitajiet ta' negozju ġodda, il-Bord jipproponi li l-Azzjonisti jawtorizzawh joħroġ Ishma u/jew Titoli ta' Ekwità oħra (kif it-termni huma definiti fl-Artikoli) b'mod limitat għall-finijiet deskritti hawn taħt: (i) biex iħallas *scrip* dividend, fejn Azzjonist jista' jagħżel li jirċievi ishma minflok dividend fi flus kollu jew parti minnu, (ii) biex joħroġ titoli konvertibbli bil-għan li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit addizzjonali ta' kapital ta' grad 1 tal-Kumpanija skont ir-Regolament (UE) 575/2013 dwar rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u kumpaniji ta' investiment, u/jew (iii) fil-każ ta' tranżazzjoni kummerċjali fejn l-ishma fil-Kumpanija jinħarġu bħala forma ta' konsiderazzjoni.

Barra minn hekk, il-Bord jipproponi li l-Azzjonisti jawtorizzawh, jekk u fejn meħtieġ, japplika għal kwalunkwe Ishma u/jew Titoli ta' Ekwità oħra maħruġa skont it-termini tal-awtorizzazzjoni mitluba hawn fuq, biex jiġu ammessi għall-elenkar u/jew għall-kummerċ fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta u/jew kwalunkwe suq regolat.

Il-Bord jipproponi li l-awtorizzazzjonijiet imsemmija hawn fuq għandhom jibqgħu fis-seħħ sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija tal-2027.

Il-Bord jipproponi wkoll li skont l-artikolu 155 tal-Istatut u għall-għan(ijiet) li jiġi mwettaq ħlas ta' *scrip* dividend, jiġi awtorizzat u mogħti s-setgħa, sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-2027, li jikkapitalizza ammont li jinsab fir-riżerva tal-profitti tal-Kumpanija, u joħroġ ishma li għandhom jiġu allokati, imqassma u mogħtija bħala kollha mħallsa lill-Azzjonisti tal- Kumpanija.

Għaldaqstant il-Bord jipproponi li fil-Laqgħa din ir-riżoluzzjoni straordinarja tiġi addottata:

Proposta: *"(1) Li, skont l-artikolu 85 tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386, tal-Liġijiet ta' Malta), u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lill-Kumpanija permezz tal-artikolu 4(a) ta' l-Istatut tal-Kumpanija (l-"**Istatut**"), il-Bord tad-Diretturi (il-"**Bord**") (b'poteri sħaħ ta' delega) ikun hekk awtorizzat li joħroġ u jalloka tali numru ta' Ishma u/jew Titoli ta' Ekwità oħra (kif definiti fl-Artikoli), b'dak il-prezz u b'dawk it-termini, kif jista' jiġi determinat mill-Bord fid-diskrezzjoni unika tiegħu, sa n-numru awtorizzat ta' ishma stabbilit fil-klawżola 7(a) tal-Istatut tal-Kumpanija, liema awtorizzazzjoni għandha tingħata b'mod limitat għall-finijiet li ġejjin: (i) biex tiġi implimentata deċiżjoni li jitħallas scrip dividend fejn Azzjonist jista' jagħżel li jirċievi ishma minflok dividend fi flus kollu jew parti minnu, (ii) biex jinħarġu titoli konvertibbli bil-għan li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżiti addizzjonali ta' kapital ta' grad 1 tal-Kumpanija skont ir-Regolament (UE) 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment, u/jew (iii) fil-każ ta' tranżazzjoni kummerċjali fejn l-Ishma fil-Kumpanija jinħarġu bħala forma ta' konsiderazzjoni;*

*(2) Li, skont l-artikolu 5 tal-Artikoli, il-Bord huwa u huwa b'dan awtorizzat, fid-diskrezzjoni unika tiegħu, li japplika għal kwalunkwe Ishma u/jew Titoli ta' Ekwità oħra (kif definiti fl-Artikoli) maħruġa skont it-termini tal-awtorizzazzjoni msemmija f'(1) hawn fuq biex jiġu ammessi għall-elenkar u/jew għall-kummerċ fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta u/jew fi kwalunkwe Sup Regolat ieħor (kif definit fl-Artikoli);*

*(3) Illi, b'mod limitat għall-għan li tiġi implimentata deċiżjoni biex jitħallas scrip dividend u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att Bankarju (Kap. 371, tal-Liġijiet ta' Malta), il-Bord tad-Diretturi (bil-poteri kollha ta' delega) jkun awtorizzat u mogħti s-setgħa għall-fini tal- artikolu 155 tal-Istatut, li jikkapitalizza ammont li jinsab fil-kreditu tal-kontijiet ta' riżerva jew fil-kreditu tal-profitt u kont tat-telf tal-Kumpanija u li għalhekk dik is-somma tiġi allokata, imqassma u kkreditata bħala kollha mħallsa lil dawk it-tali Azzjonisti li l-Bord jidhirlu xieraq;*

*(4) Li l-awtorizzazzjonijiet imsemmija f'paragrafi (1), (2) u (3) hawn fuq, ikunu validi mid-data tal-adozzjoni ta' din ir- riżoluzzjoni sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija li ser issir fl-2027, sakemm dan il-perjodu ta' validità ma jaffettwax (i) l-awtorità mogħtija lill-Bord biex joħroġ kwalunkwe numru ta' Ishma permessi mir-regoli tal-Kumpanija tal-employee share incentive plan għall-perjodu 2022 – 2026 (kif emendati), u/jew (ii) l-approvazzjoni tal-ħruġ ta' kwalunkwe Ishma kollha li jistgħu jinħarġu taħt il-pjan il-ġdid tal-Kumpanija tal-employee share incentive plan għall-perjodu 2027 – 2031;*

*(5) Li s-segretarja tal-kumpanija tkun awtorizzata li toħroġ silta ċċertifikata tal-minuti miżmuma fil-Laqgħa u li tippreżentah mal-Malta Business Registry kif meħtieġ."*

*Nota:* *Jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3D taċ-Ċirkulari għal aktar informazzjoni.*

**Punt 10 tal-Aġenda:** **Approvazzjoni tal-*Employee Share Incentive Plan* 2027–2031**

Għan: Minħabba l-fatt li l-pjan tal-Kumpanija tal-*employee share incentive plan* 2022-2026, li ġie approvat fil-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija li saret fit-28 ta' April 2022, ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2026, il-Bord jipproponi li l-Laqgħa tapprova pjan ġdid tal-*employee share incentive plan* għall-perjodu 2027 – 2031 ("**ESIP Ġdid**"). Taħt l-ESIP Ġdid ċerti impjegati eliġibbli (inkluż il-Kap Eżekuttiv fost oħrajn) tal-Kumpanija ser jkunu intitolati li jirċievu Ishma, soġġetti għall-kisba ta' ċerti kriterji kif stipulat fir-regoli proposti tal-ESIP Ġdid, liema regoli huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kumpanija https://www.apsbank.com.mt/general-meetings/. Għalhekk, il-Bord qed jipproponi wkoll (i) il-ħruġ tal-Ishma kollha taħt l-ESIP il-Ġdid, (ii) ir-rinunzja korrispondenti għad-drittijiet ta' prelazzjoni, u (iii) l-elenkar sussegwenti tal-Ishma msemmija hawn fuq, liema proposti qed isiru biex jagħtu lill-Kumpanija l-akbar flessibbiltà possibbli biex tissodisfa l-obbligi tagħha lejn l-impjegati eliġibbli taħt l-ESIP il-Ġdid.

L-iskop tal-ESIP il-Ġdid huwa li jiżgura li l-Kumpanija tkun tista' tkompli tattira u tinċentiva kif suppost l-impjegati ewlenin bil-għan li tallinja l-interessi tagħhom ma' dawk tal-Kumpanija u l-azzjonisti tagħha.

Għalhekk, il-Bord jipproponi li l-Azzjonisti jadottaw ir-Riżoluzzjoni Straordinarja li ġejja:

Proposta: *"(1) Li (i) l-employee share incentive plan għall-perjodu 2027 – 2031 (l-"**ESIP**") jiġi u huwa b'dan approvat; u (ii) is-sett ta' regoli korrispondenti li jirregolaw l-ESIP jiġi u huwa b'dan approvat (ir-"**Regoli**");*

*(2) Li tawtorizza (i) il-ħruġ u l-allokazzjoni sa 5,000,000 Ishma ġodda mħallsa kompletament lil impjegati eliġibbli taħt l-ESIP; u (ii) l-applikazzjoni biex l-Ishma tal-ESIP jiġu ammessi għall-elenkar u/jew għall-kummerċ fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta u/jew fi kwalunkwe Suq Regolat ieħor (kif definit fl-istatut ta' assoċjazzjoni tal-Kumpanija);*

*(3) Li l-Bord huwa u huwa b'dan awtorizzat li jemenda r-Remuneration Policy tal-Kumpanija approvata fil-laqgħa ġenerali annwali li saret fid-9 ta' Mejju 2024, bil-għan li tinkorpora r-referenza għall-ESIP."*

*Nota:* *Jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima 3E taċ-Ċirkulari għal aktar informazzjoni.*

**Punt 11 tal-Aġenda:** **Emenda għall-*Employee Share Incentive Plan* 2022-2026**

Minkejja li l-*employee share incentive plan* tal-Kumpanija 2022–2026 (l-"**ESIP Eżistenti**"), approvat fil-laqgħa ġenerali annwali li saret fit-28 ta' April 2022, ser jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2026, l-aħħar data ta' vestiment li għaliha l-impjegati eliġibbli jistgħu jkomplu jirċievu Ishma taħt l-ESIP Eżistenti ser isseħħ lil hinn minn tmiem l-2026, skont ir-regoli tal-ESIP Eżistenti (ir-"**Regoli tal-ESIP Eżistenti**").

Taħt ir-Regoli tal-ESIP Eżistenti, il-Kumpanija tista' tissodisfa l-obbligi tagħha lejn l-impjegati eliġibbli biss billi toħroġ Ishma ġodda, li jirriżulta fid-dilwizzjoni tal-ishma ta' Azzjonisti oħra. Peress li l-Bord qed ifittex l-approvazzjoni biex il-Kumpanija takkwista l-Ishma tagħha stess (ara l-Punt 12 tal-Aġenda), il-Bord iqis li huwa xieraq li jemenda l-klawżoli relattivi tar-Regoli Eżistenti tal-ESIP biex jipprovdi lill-Kumpanija bil-flessibbiltà li tissodisfa għotjiet taħt l-ESIP Eżistenti jew billi toħroġ Ishma ġodda jew billi tittrasferixxi Ishma miżmuma fit-teżor lil impjegati eliġibbli (inkluż il-Kap Eżekuttiv). L-ebda emenda oħra għar-Regoli Eżistenti tal-ESIP mhi qed tiġi proposta. Verżjoni aġġornata tar-Regoli Eżistenti tal-ESIP, li turi l-emendi proposti għall-klawżoli relattivi, hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kumpanija https://www.apsbank.com.mt/general-meetings/.

Għalhekk, il-Bord jipproponi li l-Azzjonisti jadottaw ir-Riżoluzzjoni Straordinarja li ġejja:

Proposta:

*"(1) Li l-emendi kollha proposti li jsiru għar-Regoli Eżistenti tal-ESIP tal-Kumpanija jiġu approvati; u li r-Regoli Eżistenti tal-ESIP jiġu sostitwiti fl-intier tagħhom bir-regoli emendati tal-ESIP fil-forma, jew sostanzjalment fl-istess forma, kif imtella' fuq il-sit web tal-Kumpanija fit-15 ta' April 2026;*

*(2) Li, minbarra l-awtorità tal-Bord li jemenda r-Remuneration Policy tal-Kumpanija approvata fil-laqgħa ġenerali annwali li saret fid-9 ta' Mejju 2024 ("**Remuneration Policy**") sabiex tinkorpora referenza għall-employee share incentive plan għall-perjodu 2027–2031, il-Bord huwa, u huwa b'dan, awtorizzat ukoll li jemenda r-Remuneration Policy bil-għan li jinkorpora l-emenda approvata fir-riżoluzzjoni (1) hawn fuq.*

*Nota:* *Jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima 3F taċ-Ċirkolari għal aktar informazzjoni.*

**Punt 12 tal-Aġenda:** **Reakkwist tal-ishma**

Għan:

Il-Bord qed jipproponi li l-Laqgħa tawtorizza lill-Kumpanija biex takkwista l-ishma tagħha stess bil-għan li ssaħħaħ u ttejjeb il-valur tal-azzjonisti permezz ta' ġestjoni effettiva tal-kapital, u b'hekk tipprovdi lill-Kumpanija flessibbiltà biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-ESIP il-Ġdid u l-ESIP Eżistenti, jekk approvat (kif deskritt fil-Punti 10 u 11 fuq l-Aġenda, rispettivament) kif ukoll għal kwalunkwe skop legali ieħor permess mill-Att dwar il-Kumpaniji.

F'dan ir-rigward, il-Bord jipproponi li l-Azzjonisti jawtorizzaw lill-Kumpanija biex takkwista mill-ġdid, mill-profitti distribwibbli, sa 5,000,000 Ishma ordinarji, bi prezz li jvarja minn €0.45 sa €0.75 kull sehem. Huwa propost li din l-awtorizzazzjoni tingħata sat-30 ta' Ġunju 2027, jew sat-tmiem tal-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija tal-2027, skont liema tiġi l-ewwel. Kwalunkwe reakkwist ta' ishma ordinarji bħal dan għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni regolatorja.

Għalhekk, il-Bord jipproponi li l-Laqgħa tadotta r-riżoluzzjoni straordinarja li ġejja:

Proposta:

*"(1) Li l-Kumpanija tkun u hija b'dan awtorizzata, soġġetta għall-approvazzjoni regolatorja, li terġa' tixtri sa 5,000,000 sehem, bi prezz ta' mhux inqas minn €0.45 u mhux aktar minn €0.75 kull sehem ("**Reakkwist tal-Ishma**").*

*(2) Li l-bord tad-diretturi ("**Bord**") għandu jkun awtorizzat u mogħti s-setgħa li (i) iwettaq Reakkwist tal-Ishma għal dak il-għan u b'dawk it-termini li l-Bord jista', fid-diskrezzjoni unika tiegħu, jiddetermina, soġġett għat-termini u l-kundizzjonijiet stipulati f'(1) hawn fuq, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 106 tal-Att dwar il-Kumpaniji; u (ii) jieħu kwalunkwe azzjoni li tista' tkun meħtieġa biex dan jingħata effett;*

*(3) Li l-awtorizzazzjonijiet stipulati f'(1) u (2) hawn fuq ikunu validi sal-aktar kmieni mit-tmiem tal-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija li ser ssir fl-2027 u t-30 ta' Ġunju 2027;*

*(4) Li s-segretarja tal-kumpanija tkun awtorizzata li toħroġ estratt iċċertifikat tal-minuti miżmuma fil-Laqgħa u li tippreżentah lil Malta Business Registry kif meħtieġ."*

*Nota:* *Jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima 3G taċ-Ċirkulari għal aktar informazzjoni.*

## AĠENDA TAL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI (ikompli)

**Punt 13 tal-Aġenda:** **Awtorità tad-Diretturi sabiex joħorġu titoli ta' dejn**

Għan: Sabiex tkun tista' tappoġġja r-rekwiżiti kapitali u finanzjarji tagħha, inkluż fejn dawn jirriżultaw minn talbiet regolatorji, il-Kumpanija jista' jkollha bżonn toħroġ titoli ta' dejn minn żmien għal żmien. Għal dan il-għan, il-Bord qed jipproponi li l-Azzjonisti jawtorizzaw lill-Bord biex joħroġ sa €150,000,000 f'valur nominali ta' bonds, *debentures* jew titoli oħra ta' dejn, kemm jekk lill-pubbliku jew b'mod ieħor, u, fejn il-Bord iqis xieraq, biex japplika biex tali bonds, *debentures* jew titoli oħra ta' dejn jiġu ammessi għal-lista u/jew kummerċ fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta u/jew kwalunkwe suq regolat, liema awtorizzazzjoni għandha tkun valida sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija tal-2027.

Għaldaqstant il-Bord jipproponi li fil-Laqgħa din ir-riżoluzzjoni straordinarja tiġi addottata:

Proposta: *"(1) Li, skont l-artikoli 5 u 99(g) ta' l-Istatut tal-Kumpanija (l-"**Istatut**"), il-Bord tad-Diretturi (il-"**Bord**") jiġi ġeneralment awtorizzat li (i) joħroġ sa €150,000,000 f'valur nominali ta' bonds, obbligazzjonijiet jew titoli oħra ta' dejn (flimkien, it-"**Titoli ta' Dejn**"), jekk hux lill-pubbliku jew b'mod ieħor, u fuq dawk it-termini li l-Bord jista', fid-diskrezzjoni tiegħu biss, jiddetermina; u (ii) fejn il-Bord iqis bħala xieraq, li japplika sabiex dawn it-Titoli ta' Dejn jiġu ammessi għall-elenkar u/jew għall-kummerċ fil-Lista Uffiċjali tal-Borża ta' Malta u/jew f'xi Suq Regolat ieħor (kif spjegat fl-Istatut) (kif definit fl-Artikoli);*

*(2) Li l-Bord għandu jkun awtorizzat u jkollu s-setgħa li jieħu kull azzjoni li tista' tkun meħtieġa sabiex l-awtorizzazzjoni mogħtija fil-paragrafu (1) tiġi effettwata;*

*(3) Li l-awtorizzazzjonijiet hekk mogħtija fil-paragrafi (1) u (2) hawn fuq ikunu validi sa tmiem il-laqgħa ġenerali annwali tal-Kumpanija li għandha ssir fl-2027. "*

*Nota:* *Jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 3H taċ-Ċirkulari għal aktar informazzjoni.*

**PROKURATURI**

L-Azzjonisti huma avżati li huma intitolati li jattendu u jivvotaw fil-Laqgħa msemmija hawn fuq personalment, jew permezz tal-ħatra ta' prokuratur (li m'hemmx għalfejn ikun Azzjonist tal-Kumpanija). Il-ħatriet tal-prokuraturi għandhom isiru bil-miktub bl-użu tal-Formola ta' Prokura mehmuża ma' dan l-Avviż. Jekk jogħġbok irreferi għan-Noti fil-ktejjeb mehmuż għal aktar informazzjoni dwar kif timtela u tintbagħat il-Formola ta' Prokura (inkluż id-dati ta' skadenza rilevanti).

Sad-data ta' dan l-Avviż, il-Kumpanija għandha 485,642,086 sehem ordinarju fil-ħruġ (vot wieħed għal kull sehem).

***

Fuq ordni tal-Bord.



**Graziella Bray**
Segretarja tal-Kumpanija
15 ta' April 2026